# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 75**

**Citaz. Nru. 376/97GV**

Doc. 105-01

**Ralph Dougall**

**vs**

**Carmel J. Aquilina**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fil-*leaflet* ghall-elezjoni tal-Kunsill Lokali, tal-Marsa favur il-kandidat Carmel Aquilina li tieghu il-konvenut huwa l-awtur, gie attribwit fatti determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-istanti bl-iskop li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-publiku Dok. A;

Premess illli dawn l-allegazzjonijiet ma jhallu ebda dubbju dwar x'ried jghid u jimplika fil-konfront tal-attur.

U premess illli l-attur bhala l-parti offiza u malafamata ghandu dritt ghad-danni li ma jecceduc hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) a tenur tal-art. 28 tal-Ligi tal-Istampa Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan minghand il-konvenut u awtur tal-publikazzjoni msemmija.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddecidi illi l-pubblikazzjoni surriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih ghad-disprezz u redikolu tal-publiku;

2. tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) bhala danni ghal malafama b'applikazzjoni tal-art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 268) tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 2 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' sena a tenur tal-Art. 32 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Il-Verita' tal-Fatti ghal dak li jirrigwarda fatti u *"fair comment"* ghal dak li jirrigwarda kummenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

Din hi kawza dwar libell.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut ipprezenta diversi eccezzjonijiet, izda f’dan l-istadju ser tigi deciza l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni ta’ sena a tenur ta’ l-artikolu 32 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur xehed li l-fuljett hareg xi ftit xhur qabel l-elezzjoni tal-kunsill li saret fid-9 ta’ Marzu, 1996. Meta rega’ xehed f’seduta ohra l-attur ippreciza d-data meta gie distribwit il-fuljett inkriminat billi esebixxa dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut li tindika d-data preciza meta huwa kien iddistribwixxa l-fuljett cioe fid-29 ta’ Frar, 1996 ara fol. 40. L-attur qal li hu sar jaf b’dan il-fuljett fid-29 ta’ Frar, 1996 u l-fuljett gie f’idejh dak in-nhar li tqassam. Kien cempillu s-sindku u infurmah bih u l-ghada ghaddielu kopja. Hu spjega li fl-ewwel xhieda tieghu kien semma li l-fuljett kien hareg xi xhur qabel l-elezzjoni ghax kien b’dik l-impressjoni u kien fi stat ta’ anzjeta’ kbira izda meta ra d-dikjarazzjoni tal-konvenut, ma setghax imeriha.

Minn naha l-ohra l-konvenut xehed li hu kien ipprintja l-fuljett ghal habta ta’ Jannar, 1996, imbaghad qrib l-elezzjoni beda jqassmu. Hu qassmu fl-ahhar ta’ Jannar, 1996. Hu ma kienx qassmu f’gurnata wahda.

**Tikkunsidra**

Il-konvenut xehed li pprintja l-fuljett ghal habta ta’ Jannar, 1996 u qassmu qrib l-elezzjoni. Din ix-xhieda taqbel mad-dikjarazzjoni li hu stess kien ghamel ara fol. 40. F’din id-dikjarazzjoni l-konvenut iddikjara li l-fuljetti gew ippubblikati u distribwiti minnu fil-lokal tal-Marsa u lill pubbliku in generali fid-29 ta’ Frar, 1996. Din id-dikjarazzjoni ma gietx irtirata jew michuda. L-attur xehed li sar jaf bil-fuljett f’dik id-data u l-kawza giet prezentata fil-21

ta’ Frar, 1996 entro s-sena prevista mill-ligi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjoniji tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-konvenut, tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghall-14 ta’ Novembru, 2001 fl-10.15 a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**